## Il-Ħadd, 18 ta' Awwissu 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Nar ġejt inqiegħed fuq l-art,
u kemm nixtieq li diġà qabad!
Iżda hemm magħmudija
li biha għandi nitgħammed,
u x'diqa għandi sa ma dan iseħħ!
Taħsbu intom li jien ġejt inġib
il-paċi fid-dinja? Le, ngħidilkom,
imma l-firda; għax mil-lum
'il quddiem ħamsa minn nies f'dar
waħda jkunu mifruda bejniethom,
tlieta kontra tnejn u tnejn kontra
tlieta; jinfirdu l-missier kontra l-iben
u l-iben kontra l-missier, l-omm
kontra l-bint u l-bint kontra l-omm,
omm ir-raġel kontra mart binha u
mart l-iben kontra omm żewġha."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 12, versi 49-53***

# 260

"In-nar li dwaru jitkellem Ġesù hu dak tal-Ispirtu s-Santu, preżenza ħajja u ħawtiela fina. Hu - in-nar - hu qawwa li ssaffi u ġġedded, li taħraq kull miżerja, egoiżmu, dnub, tibdilna minn ġewwa, tnissilna mill-ġdid u ttina l-ħila li nħobbu. Ġesù jixtieq li l-Ispirtu s-Santu jħeġġeġ bħan-nar fi qlubna, għax huwa biss meta nibdew mill-qalb li l-ħuġġieġa tal-imħabba divina tista' tiżviluppa u tmexxi 'l quddiem is-Saltna ta' Alla. Din mhix ħaġa li tibda mill-moħħ, imma mill-qalb. Għalhekk Ġesù jrid li n-nar jirfed qlubna."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 14 Awwissu 2016

*Xi spazju hemm f'qalbi għall-Ispirtu s-Santu?*

*In-nar tiegħu nħallih iħeġġiġni?*

# Nar iħeġġeġ

Jekk hemm qawwa, Mulej,
li qalbi teħtieġ tabilħaqq
din hija l-qawwa tan-nar tal-Ispirtu s-Santu.
Għax din hija l-qawwa
li biha qalbi tinfetaħ għas-Saltna ta' Alla Missierek;
din hija l-qawwa
li biha qalbi tissieħeb dejjem iżjed
f'din is-Saltna Tiegħu;
din hija l-qawwa
li biha qalbi tfittex bla waqfien din is-Saltna.
Din hija l-qawwa
li Inti tixtieq li tinfiltra lil qalbi biha
llum qabel għada.
Ħa ningħaqad miegħek, Mulej,
f'din ix-xewqa kbira tiegħek għalija.
Ħa nitolbok tagħtini dispożizzjoni sabiħa għaliha.

## It-Tnejn, 19 ta' Awwissu 2019

Resaq wieħed fuq Ġesù u qallu: "Mgħallem, x'għandi nagħmel tajjeb biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" U Ġesù qallu: "Għax tistaqsini fuq it-tajjeb? Wieħed hu t-Tajjeb. Jekk int trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti" ...
Qallu ż-żagħżugħ:
"Jiena dan kollu ħaristu; x'jonqosni iżjed?"
Wieġbu Ġesù:
"Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja!" Iż-żagħżugħ kif sama' dan, telaq b'qalbu sewda, għax kien għani ħafna.

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 19, versi 16-17. 20-22***

# 261

"Fl-Evanġelju ta' Mattew insibu żagħżugħ li jersaq lejn Ġesù biex jitolbu iżjed, b'dak l-ispirtu miftuħ tipiku taż-żgħażagħ, ifittex xefaq ġdid u sfidi kbar. Fir-realtà, l-ispirtu tiegħu ma kienx daqshekk żagħżugħ, għax kien diġà rabat qalbu mal-għana u l-kumditajiet. B'fommu stqarr li ried xi ħaġa iżjed, imma meta Ġesù talbu jkun ġeneruż u jqassam ġidu, intebaħ li ma kienx kapaċi jinfatam minn dak li kellu. Fl-aħħar, 'kif sama' dan, telaq b'qalbu sewda'. Kien ċaħad iż-żgħożija tiegħu."

PAPA FRANĠISKU, Eżortazzjoni Appostolika Postsinodali, *Christus Vivit*, nru18, 25 Marzu 2019

# Xewqa għall-iżjed

*Fil-ħajja nisranija tiegħi jiena dixxiplu staġnat?*

*Inħoss il-bżonn li nagħmel xi ħaġa biex nimxi 'l quddiem fiha?*

Il-mistoqsija li jagħmillek, Mulej,
iż-żagħżugħ tal-Vanġelu,
hija mistoqsija li ma nistgħux naffordjaw
li ma nagħmluhiex spiss.
Fiha hemm il-karba
biex fil-ħajja nisranija tagħna
ma neħlux ma' dak li għamilna sa issa,
ma' dak li allura sar komdu għalina.
Imma filwaqt li żgur li Inti tbierek karba bħal din
u tagħti tweġiba għall-mistoqsija tagħna:
'X'jonqosna iżjed?',
Inti tistenna minna
li t-tweġiba tiegħek - tkun liema tkun -
nilqgħuha bil-ferħ
tant li nagħmluha l-programm ta' ħajjitna.
Għinna ngħixu l-'iżjed' li Inti titlob minna.

## It-Tlieta, 20 ta' Awwissu 2019

Pietru qabeż u qal lil Ġesù: "Tajjeb! Aħna ħallejna kollox u ġejna warajk; issa x'se jmissna?" Ġesù qalilhom: "Tassew ngħidilkom, intom li ġejtu warajja, fid-dinja l-ġdida, meta Bin il-bniedem joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu, intom ukoll toqogħdu fuq tnax-il tron u tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Iżrael. U kull min iħalli 'l daru jew 'il ħutu jew 'il missieru jew 'l ommu jew 'l uliedu jew ir-raba' tiegħu minħabba f'ismi, jerġa' jirċievi kollox għal mitt darba iktar, u jieħu b'sehmu l-ħajja ta' dejjem. U ħafna li huma tal-ewwel jiġu l-aħħar, u tal-aħħar jiġu l-ewwel."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 19, versi 27-30***

262

"Din 'il-mitt darba aktar' hija
magħmula mill-ħwejjeġ li wieħed
ikun jippossjedi u jitlaqhom,
imma li jerġgħu jinstabu,
u jitkattru b'mod infinit.
Aħna niċċaħdu mill-għana
u nirċievu t-tgawdija tal-ġid veru;
ninħelsu mill-iskjavitù ta' dak li hu
materjali u nirbħu dik il-libertà
ta' meta - għax inħobbu - naqdu;
niċċaħdu minn dak li nippossjedu
u nirċievu l-ferħ tal-għotja.
Dan hu li qed jgħid Ġesù:
'Min jagħti
hu aktar hieni minn min jieħu'."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 11 Ottubru 2015

*Għandi fija*
*x-xewqa*
*li nduq il-ġenna*
*minn issa?*

*X'qed nagħmel*
*biex*
*din ix-xewqa*
*tiegħi*
*sseħħ?*

# Li dduq il-ġenna

Min jagħti bil-qalb, Mulej,
minn dak li hu
u minn dak li għandu
minħabba s-Saltna tas-smewwiet,
iduq il-ġenna
sa minn din id-dinja!
U iktar ma dak li jkun jagħti,
iktar iżid fid-doża tal-ġenna li jkollu ġo fih.
Hija ġenna ta' meta dak li jkun
isir xi ħadd li - għax iħobb -
jikkonċentra fuq l-oħrajn u fuq il-ħtiġijiet tagħhom
u mhux fuqu nnifsu;
hija ġenna ta' meta dak li jkun
iġarrab il-ferħ f'li wieħed jagħti minnu nnifsu.
Agħmel, Mulej,
li dan iseħħ fija.

## L-Erbgħa, 21 ta' Awwissu 2019

Ġesù qal: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed sid li ħareġ filgħodu kmieni biex isib nies tax-xogħol u jħaddimhom fl-għalqa tiegħu. Ftiehem ma' xi ħaddiema b'dinar kuljum u bagħathom l-għalqa. Ħareġ ukoll madwar it-tielet siegħa, ra oħrajn qegħdin fil-pjazza, bla xogħol, u qalilhom: "Morru intom ukoll l-għalqa ..." U marru. Raġa' ħareġ għal xi s-sitt siegħa u għal xi d-disgħa siegħa, u għamel l-istess. Għall-ħabta tal-ħdax-il siegħa raġa' ħareġ u sab oħrajn qiegħda, u qalilhom: "Għaliex qegħdin hawn il-jum kollu ma tagħmlu xejn?" ... "Morru intom ukoll l-għalqa."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 20, versi 1-6. 7b***

"Fis-Saltna t'Alla m'hemmx nies qiegħda. Kulħadd hu msejjaħ jagħti l-kontribut tiegħu; u fl-aħħar, għal kulħadd ikun hemm il-ħlas tal-ġustizzja divina - mhux dik umana, fortunatament għalina - jiġifieri s-salvazzjoni li Ġesù rebaħ għalina bil-mewt u l-qawmien tiegħu, salvazzjoni li ma tistħoqqilniex, imma hija għotja - is-salvazzjoni tingħata b'xejn - u għalhekk Ġesù jgħid li 'tal-aħħar jiġu l-ewwel u tal-ewwel jiġu l-aħħar'."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus,* 24 Settembru 2017

*Nagħraf*
*li Alla*
*jrid iseħibni*
*fit-tixrid*
*tas-Saltna*
*tiegħu?*

*Kif naħseb*
*li qed isejjaħli*
*biex nagħmel*
*dan*
*fiċ-ċirkustanzi*
*tiegħi*
*ta' bħalissa?*

# Kmieni jew tard

Mulej, kmieni jew tard f'ħajjitna,
se niltaqgħu mal-istedina li Inti tagħmlilna
biex inxerrdu s-Saltna ta' Alla Missierek,
biex inxerrdu s-sbuħija Tiegħu,
biex inxerrdu mħabbtU;
u - għax nemmnu fik -
dan inwettquh
imqar b'kelma ta' ġid li ngħidu,
imqar b'ġest żgħir ta' mħabba li nagħmlu.
imqar b'eżemju tajjeb li nagħtu.
Agħmel li aħna nħossuna kburin
li Hu jħaddimna fl-'għalqa' tiegħu.
Il-ħlas li jagħtina lkoll kemm aħna
- bla ma jħares lejn wiċċ ħadd -
mhux ħlief li nkunu f'din is-Saltna Tiegħu
għal dejjem.

## Il-Ħamis, 22 ta' Awwissu 2019

Ġesù raġa' qabad jitkellem bil-parabboli u qal: "Is-Saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sultan li għamel festa għat-tieġ ta' ibnu. U bagħat għall-mistednin mal-qaddejja tiegħu biex jiġu għall-festa; imma dawk ma ridux jiġu. U reġa' bagħat qaddejja oħra, u qalilhom: "Għidu lill-mistednin: Ara, il-mejda tiegħi lesta ... ejjew għall-festa." Iżda dawk ma tawx kas ... Is-sultan inkorla ħafna ... Imbagħad qal lill-qaddejja tiegħu: "Il-festa mħejjija, imma lil dawk ma kienx ta' min jistedinhom għaliha. Mela morru f'salib it-toroq u sejħu għall-festa lil kull min issibu."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 22, versi 1-5a. 7a. 8-9***



"Il-proġett ta' Alla ma jitħassarx.
Quddiem iċ-ċaħda tal-ewwel
mistednin ma jaqtax qalbu,
ma jħassarx il-festa, imma jerġa'
joħroġ l-invit u jwessgħu aktar 'il
barra minn fejn twassal ir-raġuni,
u jibgħat lill-qaddejja fil-pjazez
u f'salib it-toroq biex jiġbru lil kull
min isibu. Il-mistednnin il-ġodda
huma nies komuni, fqar,
nies abbandunati u mwarrba,
saħansitra tajbin u ħżiena
- anke l-ħżiena huma mistiedna -
bla ebda distinzjoni.
U s-sala timtela bl-'imwarrbin'."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 12 Ottubru 2014

# Ħsiebu fil-festa

*Tinteressani*
*l-festa*
*li jaf jagħmel*
*Alla?*

*F'ħajti*
*xi spazju*
*qed nagħtiha?*

Il-kelma tiegħek, Mulej,
tfakkarni li Alla huwa Dak
li, għax Huwa Festa,
il-ħin kollu jrid jagħmel festa;
festa li ma jħassar qatt
akkost ta' kollox;
festa li dejjem jaf jorganizzaha bil-kbir
bik;
festa li żgur li ma jrid iħalli lil ħadd barra minnha.
Tħalliniex, Mulej,
ngħidulu 'le'
għall-proġett ta' mħabba
li Hu għandu għalina
u li bih irid joħloq festa f'qalbna;
tħalliniex nippreferu 'festi' oħra
barra minnU!

## Il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu 2019

Il-Fariżej, meta semgħu kif Ġesù
lis-Sadduċej kien saddilhom
ħalqhom, inġabru madwaru,
u wieħed minnhom, għaref fil-Liġi,
għamillu din il-mistoqsija
biex iġarrbu: "Mgħallem, liema hu
l-kmandament il-kbir, fil-Liġi?"
Qallu Ġesù:
"'Ħobb lill-Mulej,
Alla tiegħek, b'qalbek kollha,
b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu'.
Dan hu l-kmandament il-kbir
u l-ewwel wieħed.
U it-tieni jixbhu:
'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'.
Dawn iż-żewġ kmandamenti huma
l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,
kapitlu 22, versi 34-40***



"Hu u jwieġeb lill-fariżej
li kienu għamlulu l-mistoqsija,
Ġesù jipprova jgħinhom biex
jorganiżżaw ir-reliġjożità tagħhom,
biex jiksbu lura l-għarfien
ta' dak li jgħodd verament. Ġesù
jitkellem dwar żewġ kmandamenti
li huma l-qofol; il-kmandamenti
l-oħra jiddependu minn dawn
it-tnejn. Ġesù hekk għexha ħajtu:
jipprietka u jwettaq dak li jgħodd
verament u dak li hu essenzjali,
jiġifieri l-imħabba. L-imħabba
tixpruna l-ħajja u tagħmel
għammiela lilha u lill-mixja tal-fidi."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 29 Ottubru 2017

# Li tgħix għall-imħabba

*X'jiġi l-ewwel*
*fil-ħajja*
*nisranija*
*tiegħi?*

*Huwa dak*
*li jiġi l-ewwel*
*għal Alla?*

Id-dixxiplu tiegħek, Mulej,
sejħa waħda għandu:
li jgħix għall-imħabba,
u għall-imħabba kif tgħallimhielu Inti.
Għalhekk nitolbok:
isqini mħabbtek
biex ngħix fl-imħabba
u għall-imħabba;
isqini mħabbtek
biex inkun nista' nħobb lil Alla l-Missier
kif tħobbu Int;
isqini mħabbtek
biex inkun nista' nħobb lill-oħrajn
kif tħobbhom Int;
isqini mħabbtek
biex din tkun il-kollox ta' ħajti.

## Is-Sibt, 24 ta' Awwissu 2019

Ġesù kellem lin-nies
u lid-dixxipli tiegħu,
u qalilhom:
"Fuq il-katedra ta' Mosè
qagħdu l-kittieba u Fariżej.
Mela kull ma jgħidulkom
huma agħmluh u ħarsuh,
iżda tagħmlux kif jagħmlu huma,
għax huma kliem biss għandhom,
imma fatti xejn.
Huma jorbtu qatet kbar u tqal
u jgħabbuhom fuq spallejn
ħaddieħor, waqt li huma stess
anqas b'sebagħhom wieħed
ma jridu jħarrkuhom.
Kull ma jagħmlu,
jagħmluh għal għajnejn in-nies."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 23, versi 1-5a***

# 266

"Ġesù kien jinkorla jara lil min
jippretendiha ta' mgħallem
tal-Kelma ta' Alla, esiġenti
mal-oħrajn, imma li mbagħad
ma jiddawwalx hu stess minnha ...
Kull min irid jipprietka, l-ewwel
irid ikun lest li jħalli l-Kelma
tqanqlu u jlaħħamha
fil-ħajja konkreta tiegħu.
B'dan il-mod,
il-predikazzjoni ssir dik l-attività
hekk intensa u għammiela
li 'tikkomunika lill-oħrajn dak
li wieħed ikun ikkontempla hu'."

PAPA FRANĠISKU,
Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii Gaudium*,
nru 150, 24 Novembru 2013

*Jien*
*x'qed inwassal*
*lill-oħrajn?*

*Apparenzi*
*jew*
*xhieda mnissla*
*mill-għixien*
*tal-Kelma*
*ta' Alla?*

# Bil-fatti

Ħa tkun il-kontemplazzjoni tiegħek
in-nifs ta' ħajti, Mulej.
Ħa tkun il-Kelma tiegħek
il-Kelma li jiena nħalliha tixħet l-ħin kollu
id-dawl għal ħajti.
Ħa tkun din l-istess Kelma tiegħek
li jiena nippermettilha ssir laħam fija.
Imbagħad dak li nwassal lill-oħrajn
ma jkunx ħlief Inti
u kif qiegħed tidħol f'ħajti;
ma jkunx ħlief Inti
u kif qiegħed taħdem fil-ħajja tiegħi;
ma jkunx hemm ħlief Inti
u l-ħwejjeġ kbar li bi providenza ġeneruża
Inti tagħmel fija u bija.
Agħmilni dixxiplu u appostlu tiegħek bil-fatti.